MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2013

Avviz Numru. 289/2004

**M.B.S. Limited**

**Vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà M.B.S. Limited fis-27 ta’ Mejju 2004 permezz ta’ liema titlob li l-Qorti, ai termini ta’ l-Artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana, avvanzata kontriha permezz ta’ ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 3 ta’ Mejju 2004, hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante li: (i) it-talba tal-Kontrollur tad-Dwana hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u li (ii) il-Kontrollur tad-Dwana qed jitlob hlas ta’ servizzi li qatt ma gew rezi lilha;

Rat l-ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 3 ta’ Mejju 2004 annessa mar-Rikors promotur a fol. 2 u 3 tal-process;

Rat ir-Risposta tal-Kontrollur tad-Dwana permezz ta’ liema jopponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-imsemmija socjetà, stante li: (i) in linea preliminari, ir-Rikors promotur ma giex notifikat lill-Avukat Generali ai termini ta’ l-Artikolu 181B(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta; (ii) it-talba ghall-hlas ma hijiex preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li dan l-artikolu tal-Ligi mhux applikabbli ghall-kaz in ezami peress illi t-terminu ta’ preskrizzjoni applikabbli huwa ta’ hames snin; (iii) fi kwalunkwe kaz, rapprezentant tas-socjetà rikorrenti ammetta diversi drabi li l-ammont pretiz huwa fil-fatt dovut u anke kien hemm diskussjonijiet ghaddejjin sabiex jigi effettwat hlas permezz ta’ pagamenti rateali, b’dana ghalhekk li terminu ta’ preskrizzjoni gie interrott; u (iv) fil-mertu, is-servizz ta’ attendenza ta’ ufficjali tad-Dwana inghata, u nghata skond il-Ligi, u ghaldaqstant l-ammont mitlub minnu huwa dovut fl-intier tieghu;

Rat li waqt is-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2005[1], l-Avukat Dottor Marvic Sciberras Abdilla tat ruhha b’notifikata ghall-Avukat Generali bir-Rikors promotur u iddikjarat li qed tinzamm l-istess Risposta li gietipprezentata mill-Kontrollur tad-Dwana;

Rat li ghalkemm is-socjetà rikorrenti pprezentat affidavit ta’ Missoum Ben Allal[2] u kienu saru xi mistqosijiet in kontro-ezami lill-imsemmi xhud[3], b’Digriet moghti fis-7 ta’ Novembru 2011[4] gie ordnat l-isfilz ta’ l-affidavit ta’ Missoum Ben Allal u ta’ kwalunkwe deposizzjoni li huwa seta’ ta f’dawn il-proceduri;

Rat d-dokumenti esebiti mill-Kontrollur tad-Dwana permezz ta’: (i) Nota ipprezentata fis-16 ta’ Marzu 2006 a

---

[1] Fol. 16 tal-process.
[2] Fol. 18 tal-process.
[3] Seduta tas-16 ta’ Marzu 2006, fol. 20 u 21 tal-process.
[4] Fol. 107 tal-process.

fol. 22 sa’ 26 tal-process, (ii) Nota pprezentata fil-21 ta’ Novembru 2007 a fol. 39 sa’ 41 tal-process, u (iii) Rikors ipprezentat fit-2 ta’ Novembru 2010, liema Rikors gie milqugh b’Digriet datat 9 ta’ Novembru 2010, markati Dok. “AM1” sa’ Dok. “AM5” a fol. 94 sa’ 99 tal-process, u rat l-estratt mir-Regolamenti tad-Dwana, Legislazzjoni Sussidjarja 37.05, esebit permezz ta’ Nota ipprezentata fil-5 ta’ Mejju 2009 a fol. 83 sa’ 87 tal-process;

Semghet ix-xhieda ta’ Edward Mifsud moghtija waqt is-seduti tas-16 ta’ Novembru 2006[5] u tal-15 ta’ April 2008[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu waqt is-seduta tas-16 ta’ Novembru 2006 a fol. 31 sa’ 36 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Martin Chircop moghtija waqt is-seduta tal-15 ta’ April 2008[7], ix-xhieda ta’ Alfed Mallia moghtija waqt is-seduta tal-25 ta’ Novembru 2008[8] u rat id-dokument esebiti minnu markati Dok. “AM” a fol. 55 tal-process, rat l-affidavit ta’ Dennis Delia a fol. 57 tal-process u d-dokumenti esebiti flimkien ma’ dak l-affidavit markati Dok. “DD1” sa’ Dok. “DD3” a fol. 57 sa’ 81 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

B’ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 3 ta’ Mejju 2004, il-Kontrollur tad-Dwana interpella lis-socjetà rikorrenti sabiex thallas is-somma ta’ Lm2,993.57, illum ekwivalenti ghal €6,973.14, rapprezentanti hlas dovut ghal servizz ta’ attendenza ta’ ufficjali tad-Dwana rez lilha bejn Jannar 2000 u Gunju 2003. B’Rikors ipprezentat fis-27 ta’ Mejju 2004 is-socjetà rikorrenti tikkontesta t-talba ghall-hlas tal-Kontrollur tad-Dwana u titlob li l-istess tigi dikjarata infondata fil-fatt u fid-dritt stante li preliminarjament it-talba ghall-hlas hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u fil-mertu, li qed tigi mitluba thallas ghal servizzi li qatt ma gew rezi lilha.

---

5 Fol. 29 u 30 tal-process.
6 Fol. 43 sa’ 45 tal-process.
7 Fol. 46 u 47 tal-process.
8 Fol. 52 sa’ 54 tal-process.

Il-Kontrollur tad-Dwana jikkontesta t-talba tas-socjetà rikorrenti u jikkontendi li l-istess ghandha tigi michuda stante li: (i) preliminarjament ir-Rikors promotur ma giex notifikat lill-Avukat Generali ai termini ta’ l-Artikolu 181B(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta; (ii) l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikax ghall-kaz in ezami stante li t-terminu ta’ preskrizzjoni applikabbli huwa dak ta’ hames snin, (iii) fi kwalunkwe kaz kwalunkwe t-terminu ta’ preskrizzjoni gie interott da parte ta’ l-istess socjetà, u (iv) fil-mertu, is-servizzi ta’ attendenza ta’ ufficjali tad-Dwana li taghhom qed jintalab il-hlas gew provduti lis-socjetà rikorrenti, u gew hekk provduti ai termini tal-Ligi.

Qabel ma tittratta d-diversi kwistjonijiet sollevati f’dawn il-proceduri mill-partijiet kontendenti, il-Qorti taghmel referenza ghall-Kap.517 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, bis-sahha ta’ liema gie provdut li *ghandu jkun hemm Kummissarju tat-Taxxi li jkun il-kap tad-dipartimenti tat-taxxa ...* u li *mad-dhul fis-sehh ta’ dan l-Att u minkejja kull ligi ohra, il-funzjonijiet kollha vestiti fil-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fil-Kontrollur tad-Dwana taht l-atti tat-taxxa ghandhom jigu trasferiti lill-Kummissarju u jigu ezercitati minnu*[9]*.* Ai termini ta’ l-Artikolu 3(5) tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta *il-Kummissarju ghandu jkollu r-rapprezentanza legali u giudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti giudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-gbir ta' taxxa u ma' kull kwistjoni ohra li d-dipartimenti tat-taxxa jkollhom interess fiha, kemm-il darba dik ir-rapprezentanza ma tkunx giet delegata skond is-subartikolu (4).* Madanakollu permezz ta’ **Ordni ta’ Delega ta’ Funzjonijiet** ippublikat fil-harga tal-Gazzetta ta-Gvern ta’ l-20 ta’ Lulju 2012 u *skond is-setghat moghtija mis-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 3 ta’ l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi bi qbil tal-Ministru responsabbli ghal finanzi, qieghed hawn jiddelega d-drittijiet, id-doveri, is-setghat u l-funzjonijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern*

[9] Artikolu 3(1) u (3) tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta’ Malta.

*moghtija lilu mis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Att, hawn aktar 'il quddiem imsejhin "id-drittijiet", kif gej: ... (c) id-drittijiet taht l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u kull regolament maghmul taħthom, ghandhom ikunu vestiti fl-ufficjal li minn zmien ghal zmien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali (Dwana). … Din l-Ordni u d-delegi maghmula tahtha ghandhom issehhu b'sehh mill-20 ta' Jannar 2012…*

Mill-precitat Ordni johrog car ghalhekk li b'effett mill-20 ta' Jannar 2012, il-Kummissarju tat-Taxxi ddelega r-rapprezentanza giudizzjajra tieghu fost ohrajn dwar kwistjonijiet nascenti mill-Ordinanza tad-Dwana fuq id-Direttur Generali (Dwana). Ghalhekk bis-sahha ta' dik l-Ordni l-interessi ta' l-awtorità pubblika f'dawn il-proceduri llum jinsabu vestiti fid-Direttur Generali (Dwana, b'dana li huwa d-Direttur Generali (Dwana) li ghandu jigi kkunsidrat bhala l-awtorità pubblika intimata minflok il-Kontrollur tad-Dwana.

F'dan ir-rigward jigi ulterjorment osservat illi ai termini tar-Regolament 2 ta' l-Avviz Legali 173 ta' l-2012 – Regolamenti ta' l-2012 dwar l-Ekwivalenza ta' Certi Referenzi ghall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa – *il-kliem imnizzel fl-ewwel Kolonna ta' l-iSkeda ghandu, f'kull att gudizzjarju jew azzjoni giudizzjarja u f'kull kommunikazzjoni notifikata jew indirizzata lil xi dipartiment tat-taxxa u f'kull kommunikazzjoni mibghuta minn xi dipartiment tat-taxxa, jitqies li huwa ekwivalenti u li ghandu l-istess tifsira u effetti legali bhall-kliem imnizzel fl-istess partita fit-tieni Kolonna ta' l-iSkeda dan b'mod illi l-kliem uzat fiz-zewg kolonni ta' l-istess partita ghandu jkollu l-istess tifsira u effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi.* B'hekk skond l-iSkeda ta' dawk ir-Regolamenti l-kliem jew ahjar desinjazzjoni "Kontrollur tad-Dwana " hija ekwivalenti ghad-desinjazzjoni "Direttur Generali (Dwana)" b'dana ghalhekk li ma hemmx il-htiega li jsiru korrezzjonijiet f'dawn il-proceduri.

Trattata din il-kwistjoni l-Qorti se tghaddi issa biex tittratta l-kwistjonijiet sollevati mill-partijiet kontendenti f'dawn il-proceduri.

Jibda biex jigi osservat illi l-kontestazzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), dwar in-nuqqas ta' notifika tar-Rikors promotur lill-Avukat Generali ai termini ta' l-Artikolu 181B(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, giet sorvolata meta waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2005[10] l-Avukat Dottor Marvic Sciberras Abdilla tat ruhha b'notifikata ghall-Avukat Generali bir-Rikors promotur u ddikjarat li qed izzomm l-istess Risposta li giet ipprezentata mill-Kontrollur tad-Dwana. Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti mhux ser tidhol ulterjorment f'din il-kwistjoni.

In sostenn tat-talba taghha kontra t-talba ghall-hlas avvanzata mill-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), is-socjetà rikorrenti ressqet bhala l-uniku xhud taghha lil Missoum Ben Allal, direttur ta' l-istess socjetà rikorrenti, illi xehed permezz ta' affidavit ipprezentat fil-11 ta' Ottubru 2005[11]. Waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2006[12] Missoum Ben Allal gie prodott in kontro-ezami mill-intimat u rrisponda ghall-mistoqsijiet illi sarulu. Waqt is-seduta tad-6 ta' Novembru 2008[13] id-Difensur tal-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), iddikjarat illi riedet tkompli bil-kontro-ezami ta' Missoum Ben Allal, izda dan il-kontro-ezami ma setghax jitkompla ghaliex l-imsemmi xhud baqa' ma giex rintraccjat u ma deher qatt iktar quddiem il-Qorti. In vista ta' dan il-fatt il-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), talab l-isfilz tax-xhieda kollha moghtija minn Missoum Ben Allal[14], liema talba giet milqugha b'Digriet moghti fis-7 ta' Novembru 2011. In effetti fid-dawl tal-fatt illi Missoum Ben Allal ma setghax jigi rintraccjat u ma deher qatt iktar quddiemHa, il-Qorti ordnat l-isfilz tax-xhieda kollha moghtija minnu konsistenti fl-affidavit a fol.

[10] Fol. 16 tal-process.
[11] Fol. 18 tal-process.
[12] Fol. 20 u 21 tal-process.
[13] Fol. 50 tal-process.
[14] Fol. 92 tal-process.

18 tal-process u x-xhieda in kontro-ezami li ta waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2006 a fol. 20 u 21 tal-process.

In segwitu ghall-isfilz tax-xhieda kollha moghtija minn Missoum Ben Allal gie illi s-socjetà rikorrenti ma ressqet ebda prova in sostenn tal-kontestazzjoni taghha ghall-interpellazzjoni ghall-hlas li saritilha mill-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), bl-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, datata 3 ta' Mejju 2004. Nonostante dan il-fatt però, il-Qorti tqis – u dana minhabba n-natura ta' l-istitut tal-preskrizzjoni – illi xorta wahda ghandha tittratta l-allegazzjoni u konsegwenti pretensjoni sollevata mis-socjetà rikorrenti li t-talba ghall-hlas tal-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema allegazzjoni u konsegwenti pretensjonijiet qed tigi kontestata mill-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), in bazi ghall-pretensjoni li l-imsemmi artikolu tal-Ligi mhux applikabbli ghall-kaz in ezami u li fi kwalunkwe kaz, kwalunkwe t-terminu ta' preskrizzjoni gie interrott mis-socjetà rikorrenti stess.

Jibda biex jigi osservat illi l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta gie revokat fil-mori ta' dawn il-proceduri bis-sahha ta' l-Artikolu 25 ta' l-Att VIII ta' l-2007. Nonostante dan il-fatt però l-Qorti tqis li xorta wahda ghandha tindaga jekk l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta huwiex applikabbli ghall-kaz in ezami u f'kaz ta' risposta affermattiva, jekk fiz-zmien meta giet ipprezentata l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta mill-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), fil-konfront tas-socjetà rikorrenti kienx lahaq iddekorra t-terminu ta' preskrizzjoni li kien kontemplat f'dak l-artikolu jew inkella le.
L-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta kien jipprovdi li l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta ghall-hlas ta' drittijiet giudizzjarji, dazju jew taxxa ohra huma preskritti bl-eghluq ta' sentejn. Fis-sentenza fl-ismijiet **Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin v. George Camenzuli et, Citaz. Nru. 821/09** deciza fid-29 ta' Ottubru 2012, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili dahlet fil-

kwistjoni dwar liema azzjonijiet tal-Gvern kienu milquta bl-effetti ta' l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u fir-rigward iccittat b'approvazzjoni s-sottomissjoni tar-rikorrent f'dawk il-proceduri fejn inghad illi *l-istess terminologija li llum tinsab fl-Artikolu 2156(g) tal-Kap.16, qabel id-dhul fis-sehh ta' l-emenda numru 26 ta' l-Att VIII ta' l-2007, kienet tinstab fl-artikolu 2149(e) ta' l-imsemmi Att. Kif jghallmu l-gurisprudenza [Registrar of Partnerships vs Alex Borg Bartolo, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1978 li ghaliha ssir referenza f'The Word of the Court ta' Dr. Philip Farrugia Randon Volum Nru.6 pagna 2046; Postmaster General vs Michael James Falla, deciza mill-Onorabbli Qorti Civili fit-13 ta' Mejju 1980 li ghaliha ssir referenza f'The Word of the Court ta' Dr. Philip Farrugia Randon Volum Nru.6 pagna 2079; u Registrar of Partnerships vs Albert Mizzi, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-1 ta' Ottubru 1980 li ghaliha ssir referenza f'The Word of the Court ta' Dr. Philip Farrugia Randon Volum Nru.6 pagna 2089] u l-juristi nostrali: "Section 2149(e) Civil Code established a two year prescription for "actions of the Government for the payment of judicial fees, customs and other dues". The Court held that the sum due was certainly not due as judicial fees, nor as customs, but examined the words "or other dues". This section is a translation of section 1913 Ordinance VII of 1868 which stated: "Si prescrivono, per la riscossione di diritti giudiziari, dazii o alter tasse". According to section 7 of the Malta Statute Law Revision Ordinance 1936, the Commissioner had no power to alter or amend the matter of substance of any ordinance of law. Thus the word "dues" must be construed to mean "tasse". (The Maltese text says "jew taxxi ohra".) Thus considered, the sum claimed could not fit within the terms of section 2149(e) Civil Code. Hence this plea was not allowed" [The Word of the Court ta' Dr. Philip Farrugia Randon Volum Nru. 6 pagna 2079 – 2080].*

Mill-imsemmija sentenza u mis-sentenzi fiha ccitati jirrizulta b'mod car li l-azzjonijiet tal-Gvern milquta bl-effetti ta' l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta kienu l-azzjonijiet ghall-hlas ta' drittijiet giudizzjarji, dazju jew taxxi ohra fejn il-kliem "taxxi ohra" kienu specifikatament

jirreferu ghal taxxi dovuti lill-Gvern u mhux ghal kwalunkwe tip ta' hlas dovut lill-Gvern.

Il-pretensjoni tal-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), fil-konfront tas-socjetà rikorrenti ma hijiex ghall-hlas ta' drittijiet giudizzjarji, dazju jew taxxi ohra izda hija talba ghall-hlas ta' spejjez relattivi ghal servizzi ta' assistenza ta' ufficjali tad-Dwana prestati lill-imsemmija socjetà bejn Jannar 2000 u Gunju 2003. Ghalkemm il-pretensjoni tal-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), tirrizulta minn disposizzjonijiet specifici tal-Ligi, senjatament ir-Regolamenti tad-Dwana, Legislazzjoni Sussidjarja 37.05, dana ma jirrendihiex pretensjoni ghall-hlas ta' taxxa. In effetti r-Regolamenti tad-Dwana stess, senjatament ir-Regolament 33 u 34, jirreferu ghal tali hlas bhala spejjez u mhux bhala taxxa. Konsegwentement ghalhekk kif gustament osservat mill-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli ghal kaz in ezami.

Ghalkemm il-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), jikkontendi li t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli ghall-kaz in ezami huwa dak ta' hames snin, il-Qorti mhux ser tidhol f'din il-kwistjoni in bazi ghall-principju ormai ferm assodat fis-sistema guridika nostrali li *f'kaz li l-preskrizzjoni imsemmija mill-parti ma tapplikax ghall-kaz, m'huwiex imholli ghall-Qorti li tghid hi liema zmien preskrittiv ghandu japplika, ghaliex minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap.16, din il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika imressqa mill-parti u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor, ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u "tissupplixxi ghall-parti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattiva"*[15].

Fir-rigward tal-mertu ta' dawn il-proceduri, mill-gdid jigi osservat illi s-socjetà rikorrenti ma ressqet ebda prova in sostenn tal-pretensjoni taghha li l-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), qed jitlob hlas ghal

[15] Dr. Christian Farrugia v. Registratur tal-Qorti, Rik. Nru. 265/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' April 2002.

servizzi ta' assistenza ta' ufficjali tad-Dwana li fil-fatt ma gewx lilha prestati, u dana billi, jigi ribadit, ix-xhieda ta' l-uniku xhud li ressqet f'dawn il-proceduri giet sfilzata. Fid-dawl ta' dan ghalhekk ghandu japplika l-principju li *f'kaz illi l-attur ma jipprovax il-premessi ghat-talbiet tieghu, dan ikun ifisser ic-cahda ta' dawk it-talbiet u l-liberazzjoni tal-parti konvenuta*[16].

Madanakollu però jigi osservat illi fi kwalunkwe kaz il-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), irnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti li l-pretensjoni tieghu fil-konfront tas-socjetà rikorrenti hija gustifikata u ben fondata.

In sostenn tat-talba tieghu ghall-hlas tas-somma ta' Lm2,993.57, illum ekwivalenti ghal €6,973.14, rapprezentanti hlas ghal servizzi ta' assistenza ta' ufficjali tad-Dwana prestati lis-socjetà rikorrenti bejn Jannar 2000 u Gunju 2003, il-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), ressaq diversi xhieda li kkonfermaw kemm illi s-servizz li tieghu qed jintalab il-hlas gie pprovdut lis-socjetà rikorrenti kif ukoll li l-*quantum* ta' l-ispejjez relattivi nhadem b'mod ufficjali, korrett u ai termini tal-Ligi[17] **w** ipprezenta numru ta' dokumenti konsistenti fi *statements* relattivi ghal servizzi prestati lis-socjetà matul is-snin[18] u l-fatturi relattivi ghas-servizzi prestati u li taghhom qed jintalab il-hlas bl-ittra ufficjali tat-3 ta' Mejju 2004, flimkien man-notamenti in bazi ghal liema gew kalkolati l-ispejjez dovuti ghas-servizzi provduti[19], kif ukoll dokumenti ufficjali tad-Dwana dejjem relattivi ghas-servizzi provduti u spejjez dovuti minn liema tirrizulta ukoll il-firma ta' rapprezentant tas-socjetà rikorrenti fejn ghan-nom ta' l-imsemmija socjetà obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez dovuti[20].

---

[16] Hans Jochim Link et v. Raymond Mercieca, Avviz Nru. 2101/98 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Jannar 2001.

[17] Edward Mifsud li xehed waqt is-seduti tas-16 ta' Novembru 2006 u tal-15 ta' April 2008 - fol. 29 u 30 tal-process u fol. 43 u 45 tal-process, Martin Chircop li xehed waqt is-seduta tal-15 ta' April 2008 – fol. 46 u 47 tal-process, Alfred Mallia li xehed waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2008 – fol. 52 sa' 54 tal-process u affidavit ta' Dennis Delia a fol. 57 tal-process.

[18] Fol. 23 sa' 36 tal-process.

[19] Fol. 40 u 41 tal-process u Dok. "AM" a fol. 55 tal-process.

[20] Fol. 57 sa' 81 tal-process.

Ix-xhieda u dokumenti esebiti mill-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), ma gew bl-ebda mod kontradetti mis-socjetà rikorrenti u ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li s-servizzi ta’ assistenza ta’ ufficjali tad-Dwana bejn Jannar 2000 u Gunju 2003 li taghhom qed jitlob l-hlas il-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), gew fil-fatt prestati lis-socjetà rikorrenti **u** li s-somma ta’ Lm2,993.57, illum ekwivalenti ghal €6,973.14, effettivament tirrapprezenta l-ispejjez dovuti mis-socjetà rikorrenti ghal dawn l-istess servizzi prestati lilha.

Ghalhekk thares minn fejn thares lejn it-talba tas-socjetà rikorrenti, din tirrizulta ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u b’hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad it-talba tas-socjetà rikorrenti avvanzata bir-Rikors ipprezentat fis-27 ta’ Mejju 2004.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tas-socjetà rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------